

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) R. Nieminen huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 261, 11.8.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ottubru 2015 – GEA Group vs UASI (engineering for a better world)

(Kawża T-545/14) ⁽¹⁾

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali engineering for a better world — Deciżjoni purament konfermattiva — Karattru definittiv tad-deciżjoni konfermattiva — Konstatazzjoni ex officio — Inammissibbiltà”

(2015/C 389/67)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: GEA Group AG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Schneiders, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn A. Pohlmann sussegwentement minn S. Hanne, aġenti)

Suġġett

Appell ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-2 ta' Ġunju 2014 (Każ R 303/2014-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali engineering for a better world bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) GEA Group AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 339, 29.9.2014

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2015 – Oltis Group vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-497/15)

(2015/C 389/68)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Oltis Group (Olomouc, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: P. Konečný, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiċħad l-offerta, jew offerti tar-rikorrenti, għall-programmi ta' innovazzjoni "Il-Programm ta' Innovazzjoni IP 4 – Soluzzjonijiet IT għal Servizzi Ferrovjarji Attraenti" u "Il-Programm ta' Innovazzjoni IP 5 – Teknoloġiji għal Frejt Ewropew Sostenibbli & Attraenti" fil-kuntest tal-proġett "Shift2Rail";
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter min-naħa tal-korp ta' evalwazzjoni

F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ssostni b'mod partikolari li l-korp ta' evalwazzjoni ma kellux il-fakultà, fl-azzjoni tiegħu, li jissostitwixxi ruħu għad-dritt esklużiv tal-kandidat, sabiex jgħaqqad diversi offerti separati għall-għoti tal-istatus ta' membru assoċjat tal-kumpannija "Shift2Rail" f'offerta waħda u b'hekk ivvizzja il-proċedura ta' evalwazzjoni tagħha. Ir-rikorrenti ssostni wkoll li, jekk is-sottomissjoni ta' żewġ offerti separati minn offerent wieħed għal programmi ta' innovazzjoni differenti ma kinitx possibbli skont id-dokumenti relatati mal-għoti tal-kuntratt, mill-perspettiva tal-korp ta' evalwazzjoni, u jekk dawn id-dokumenti ma jipprovdwx għal tali sitwazzjoni, allura hija kellha tiġi avżata dwar dan skont il-Parti 8.2 tad-dokumenti tal-għoti, u għalhekk għandha żżomm id-dritt tagħha li tiddisponi mill-offerti magħmula tagħha.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-inkompatibbiltà tal-proċedura segwita mill-korp ta' evalwazzjoni mad-dokumenti relatati mal-għoti

Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li l-korp ta' evalwazzjoni ma aġixxiex skont id-dokumenti għall-għoti, peress li ddisponiet mill-offerti tar-rikorrenti mingħajr ma nnotifikatha jew ma kkuntattjatha sabiex tikkjarifika xi ambigwitajiet jew żbalji.

Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-korp ta' evalwazzjoni kellu jevalwa (u jagħti punti lil) l-offerti tagħha separatament, anki wara li ġew magħquda f'offerta waħda, peress li huwa biss billi ssegwi din il-proċedura li l-prinċipju ta' evalwazzjoni oġġettiva jista' jiġi soddisfatt. Il-proċedura li segwa l-korp ta' evalwazzjoni, meta evalwa l-offerti tar-rikorrenti flimkien u wkoll billi ta l-punti billi evalwa l-kriterji flimkien, hija qarrieqa, diskriminatorja u kuntrarja għall-prinċipju bażiku ta' dokumenti għall-għoti tal-kuntratt, u trendi d-deċiżjoni impossibbli li tiġi mistħarrġa.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2015 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-550/15)**

(2015/C 389/69)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, M. Figueiredo, P. Estêvão u J. Saraiva de Almeida, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea